# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 17 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Clive Caruana**

**Kumpilazzjoni Nru: 307/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Clive Caruana detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 477084(M).

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Mejju, 2016 ghall-habta ta' 00.30hrs gewwa St. Anne's Court Blk C, Flt 6, Triq il-Belt Valletta, Qormi u f'dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Chantelle Caruana f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi ghad-detriment ta' Chantelle Caruana u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Chantelle Caruana u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-provediment ta'l-artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Chantelle Caruana.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-degriet taghha ta'l-20 ta' Gunju 2016 permezz ta' liema, fuq talba tal-parte civile, ghamlet ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat liema ordni kien validu ghal perjodu ta' sitt xhur.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident, bejn il-konjugi Chantelle u Clive Caruana, li sehh fir-residenza taghhom nhar il-21 ta' Marzu 2016 ghall-habta tan-nofs siegha ta' fil-ghodu.

Illi mill-provi jirrizulta li fid-data ta' l-incident l-konjugi Carauna kienu ilhom mizzewgin ftit aktar minn tlett snin; huma ghandhom zewgt itfal: tewmin li dak in-nhar kellhom kwazi sentejn; l-imputat jahdem bhala *chef* fil-waqt li Chantelle ma kenitx tahdem. Jirrizulta ampjament li problemi bejniethom kienu ilhom jippersistu sa minn qabel iz-zwieg, hekk kif jirrizulta li r-relazzjoni ta' bejn kull wiehed/wada mill-konjugi Caruana mal-kunjati rispettivi kienet wahda difficli. Jirrizulta ukoll li kien hemm disgwid bejn il-konjugi Caruana kwazi fuq kull aspett tal-hajja taghhom. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li tul il-proceduri odjerni tressqu hafna provi dwar il-hajja tal-konjugi Caruana, dwar ir-relazzjoni taghhom ma' xulxin u mal-kunjati rispettivi, dwar l-allegat indhil tal-genituri ta' Chantelle fil-hajja konjugali u fil-mod kif huma (cioe il-konjugi Caruana) kienu jiggestixxu hajjiethom, kif ukoll provi dwar xi incidenti li kienu nqalghu bejnthom fil-passat. Ghandu jigi rilevat li hafna minn dawn il-fatti[1] ftit li xejn ghandhom relevanza ghar-rizoluzzjoni tal-kaz in ezami ghaliex ta' importanza vitali huwa dak li gara dak in-nhar ta'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi dwar l-incidnt mertu tal-proceduri odjerni Chantelle Caruana[2] tirrakonta li normalment l-imputat kien icemplilha qabel ma jitlaq mix-xoghol biex jirritorna d-dar. Hekk ghamel fil-gurnata in ezami, pero meta cempel kien kwazi lahaq wasal id-dar ghaliex cempel meta kien qieghed wara l-bieb[3]; dak il-hin hija kienet qed tara it-television. Tkompli tirrakkonta li l-imputat beda jaghmel storbju u hadet l-impressjoni li kien xurban; hi bdiet issikktu minhabba li t-tfal kienu rieqdin pero

---

[1] Ghalkemm relevanti f'kawza ta' separazzjoni.
[2] Depozizzjoni a fol 14 et seq tal-process.
[33] Il-konjugi Caruana kienu joqghodu f'appartament.

baqa' jaghmel l-istorbju. Sadattant qalbet l-iekel pero baqa' jaghmel storbju, jdoqq id-diski u anke jmeclaq(!!!) u beda jdejjaqah; hi ghalhekk kompliet issikktu. Meta ghamlet hekk l-imputat beda joffendiha bi kliem oxxenn. Caruana qabdet il-friskatur u marret tonxor fil-verandah ta' wara biex izzomm il-kwiet. Minn hemm setghet tisma' lill-imputat ikompli bil-kliem offensiv inkluz il-kelma "*qahba*". Meta qal din il-kelma tlett darbiet Caruana marret lura fil-kcina u qaltlu "*qahba ommok*". Ghal dan id-diskors l-imputat waddab flixkun ta' l-ilma (kien mimli) li habat mal-hajt ghax Caruana rnexxielha tizgicca. Minn hemm l-imputat irvilla, qam minn fuq il-mejda, hatafha u kaxkarha ma'l-art; l-imputat waqa' ma' l-art ukoll pero irnexxielu jqum jigri u meta Caruana kienet ghada ma' l-art qabad jaghtiha bis-sieq u bil-ponn kullimkien. Carauna bdiet tghatti wiccha biex forsi ma jolqothiex f'wiccha imma kien kollu ta' xejn. F'xi hin l-imputat resaq hdejn il-mejda u Carauna qamet mill-art u marret lejn il-bieb ta' barra fejn kellhom ornament qisu zkuk ta' sigra; l-imputat qabad dan l-ornament u waddbu fid-direzzjoni ta' Caruana izda ma laqathiex ghax hi tbaxxiet. Minn hemm Caruana marret fejn it-television fejn kellhom mejda zghira ta'l-injam tat-tfal u l-imputat waddab din ukoll; anke din ma laqtithiex ghax zgiccatlu hawn ukoll. Meta ra hekk l-imputat qaleb il-mejda tal-kcina b'dak kollu li kien hemm fuqha; wara hataf lil Caruana, tefaghha fuq is-sufan u rega' beda jaghtiha b'l-addocc, bil-ponn u bis-sieq. Caruana tkompli tirrakkonta li mbaghad l-imputat prova jimbotta pultruna pero ma rnexxielux u telaq lejn il-kamra tas-sodda u qallha li jekk tidhol hemm ihanxrilha ghonqha. Caruana ma pruvatx tidhol fil-kamra tas-sodda imma marret fejn kien hemm il-mejda maqluba u qabdet l-ewwel mobile phone li gie f'idejha. Dak il-hin l-imputat gie jigri mill-kamra tas-sodda, hatafha mill-flokk u tefaghha barra fil-komun ta'l-appartamenti (dak il-hin Caruana kienet hafja) pero qabel tefaghha 'l barra rnexxielha taqbda ic-cwievet ta'l-imputat. Caruana harget barra u bdiet miexja ghal ghand il-genituri taghha li kienu joqghodu xi tlett minuti 'l boghod fil-waqt li bdiet icemplilhom. Missier Caruana hadha l-ghassa tal-pulizija fil-waqt li ommha marret fid-dar ta' bintha minhabba li kien hemm it-tfal li kienu ghadhom reqdin; Caruana fil-fatt spjegat li t-tfal baqghu reqdin tul l-incident kollu. Mill-ghassa l-pulizija qalu lil Caruana biex tmur il-policlinic tal-Furjana. Hemm ma setghux jaghmu x-rays ghalhekk baghtuha l-Mosta. Sakemm Caruana kienet qeghda l-policlinic il-Mosta mar ukoll l-imputat li beda jghid li Chantelle kienet haditlu c-cwievet u l-mobile. Mill-Mosta Caruana marret l-ghassa ta' Hal-Qormi u minn hemm regghet marret il-policlinic tal-Furjana. Sa kemm Caruana marret lura d-dar kienu lahqau saru l-erbgha u nofs; zewgha kien qieghed id-dar. HIja baqghet tghix ma' l-imputat u torqod f'l-istess sodda mieghu ghal diversi granet wara dan l-incident. Caruana tghid li bhala rizultat ta' dan l-incident soffriet bdengila fuq ghajnejha (black eye), dbengila fuq spallitha, zewg dbengiliet fuq dirghajjha u ksur f'idejha. Hija prezentat ritratti ta' dan id-dbengil[4] kif ukoll ritratti tad-dar[5]. In

[4] Dok CC5 sa Dok CC10 a fol 26 tal-process.
[5] Dok CC1 sa Dok CC4 a fol 26 tal-process.

kontro-ezami[6] terga taghti l-istess verzjoni ta' fatti pero tghid ukoll li fil-hin kollu li l-imputat kien qed jghajjat u jiggieled maghha u anke x'hin beda jaggrediha fizikament hija ma qalet xejn, (hlif li wara ghajjarha qahba ghal tlett darbiet qaltlu li "qahba ommu"). Tghid li m'ghamlet xejn lanqas biex tiddefendi ruhha; hija tinnega ukoll li hi tefghet siggu lejn l-imputat. Caruana ikkonfermat li tul dan l-incident it-tfal baqghu reqdin. Tirronferma li ftit sieghat wara l-incident, cioe wara li marret ghand il-pulizija u l-policlinics, hija regghet marret fid-dar matrimonjali fejn baqghet tghix ma' l-imputat ghal xahar sa kemm kellu jivvaka mid-dar minhabba l-ordni ta' protezzjoni.

Illi Rita Pace (omm Chantelle Caruana) xehdet[7] u kkonfermat li fil-gurnata in ezami f'nofs ta' lejl cemplet bintha, kienet qed tibki, biex tghidliha li r-ragel kien qed isawwatha u jitfalha l-affarijiet. Pace (flimkien ma' zewgha) harget tigri u rat lil bintha barra fit-triq, hafja u b'hwejjeg tas-sodda. Pace marret ghand it-tifla fil-waqt li r-ragel ha lil Chantelle ghand il-pulizija. Meta marret id-dar tat-tifla cemplet il-qampiena u rrispondiha l-imputat li qallha li ma setghax jifthilha ghax Chantelle kienet haditlu c-cwievet. Pace marret id-dar taghha biex iggib l-ispare keys li kienu jzommu ghandhom u meta marret lura l-imputat accettaha fid-dar u baqghu hemm flimkien mat-tfal; l-imputat ilmenta ma' Pace li Chantelle kienet serqiltu l-mobile u c-cwievet. Wara ftit l-imputat telaq mid-dar. Pace baqghet hemm sakemm l-ewwel irritorna l-imputat u ftit wara Chantelle. Pace ukoll prezentat ritratt; dan juri platt mkisser[8].

Illi xehed ukoll Danny Pace[9], missier Chantelle. Huwa kkonferma li f'nofs ta' lejl cemplet it-tifla, li hareg (flimkien ma' martu) u ra lil Chantelle (kienet hafja) fit-triq. Wara li spjegat x'kien gara hadha ghand il-Pulilizija. Huwa kkonferma ukoll dak li qalet Chantelle dwar fejn marru (pulizija u policlinics) u anke li meta kienu qeghdin il-policlinic tal-Mosta mar ukoll l-imputat li allega li Chantelle kienet serqiltu l-mobile u c-cwievet.

Illi xehedu ukoll l-ufficjal prosekutur l-Ipsettur Roderick Agius u PC1482 Bjorn Schembri biex jispjegaw is-sehem taghhom f'l-investigazzjoni. L-ispettur Agius ha l-istqarrija ta'l-imputat[10] fil-waqt li PS1482 Bjorn Schembri li ha l-verzjoni ta' Chantelle Caruana li anke tat zewg certifikati medici lill-pulizija: l-ewwel wiehed kien jiddeskrivi l-griehi bhala ta' natura hafifa u l-iehor bhala ta' natura gravi; it-tieni certifikat gie prezentat mill-Ispettur[11]. Is-surgent spjega ukoll li inizjalment kien kollega tieghu li ha l-verzjoni ta'l-imputat (qabel ma kellmu l-Ispettur) u dan wara li l-imputat inghata s-solitu drittijiet u twissijiet ai termini tal-Ligi. L-

[6] A fol 100 et seq tal-process.
[7] Depozizzjoni a fol 27 et seq tal-process.
[8] Dok RP1 a fol 34 tal-process.
[9] Depozizzjoni a fol 35 et seq tal-process.
[10] Esebieta bhala Dok RA6 a fol 43 et seq tal-process.
[11] Dok RA4 a fol 12 tal-process.

okkorrenza relattiva bid-dettalji tal-verzjonijiet tal-partijiet gietipprezentata mis-surgent imsemmi[12]

Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhieda diversi professjonisti medici. Dr Chris Mercieca M.D.[13] ezamina lil Chantelle Caruana fil-policlinic tal-Furjana f'l-4.30am. Dan ix-xhud spjega li meta Caruana marret il-policlinic l-ewwel giet ezaminata minn Dr Maria Borg li rrilaxjat l-ewwel certifikat[14]. Peress li kien necessarju li jittiehed x-ray ta' id Crauana hija intbaghatet il-policlinic tal-Mosta u wara regghet marret il-policlinic ta-Furjana; dak il-hin Dr Maria Borg ma kienitx hemm ghalhekk din id-darba ezaminaha ix-xhud (Dr Mercieca). Dak il-hin huwa ra l-Xray u ra li kien hemm ksur fil-metacarpel tas-seba' iz-zghir ta' id il-leminija. Huwa innota ukoll li Caruana kellha dbengila fuq xuffitha u fuq il-genb ta' ghajnejha il-leminija. Il-Professur Jason Zammit[15], konsulent ta'l-Ortopedija, spjega li fil-21 ta' Mejju 2106 (ghall-habta ta' l-11.40am) Chantelle Caruana marret id-dipartiment ta'l-emergenza fejn giet ezaminata minn wiehed mit-tobba ta'l-emergenza. Eventwalment Caruana giet ezaminata minn Mr Sultana fit-Trauma Clinic (dan kien fit-8 ta' Gunju 2016); Mr Sultana huwa wiehed mit-tobba fit-team tax-xhud il-konsulent Profs Jason Zammit. Dak in-nhar Caruana giet infurmata li tista' tilbes bedford splint. Hija pero regghet marret l-emergenza wara sitt ijiem u hemm rega' sarilha l-gibs li zammet sas-7 ta' Lulju 2016 meta mbaghad Caruana giet referred ghal occupational therapy. Il-professur Zammit kompla jispjega li lil Caruana huwa qatt ma raha personalment l-isptar pero hija marret privatament ghandu ftit xhur qabel ma ta d-depozizzjoni tieghu[16] (u ghalhekk cirka sena wara l-incident) tilmenta li ghad ghandha ugih. Hu ghamel sensiela ta' testijiet minn liema jidher li l-ksur ghaqad kompletament b'mod normali u r-recovery kienet kompleta. Xehed ukoll Dr Patrick Galea M.D.[17] li huwa t-tabib tal-familja Caruana. Huwa spjega li ra lil Chantelle Caruana b'referenza ghal dan il-kaz f'l-14 ta' Gunju 2016 meta rega' ttiehed Xray u ikkonferma li l-ksur kien ghadu ma fieqx. Xehdet ukoll Vicky Camilleri[18] li hija hand therapist u tahdem l-isptar Mater Dei. Hija tispjega li Caruana kienet tmur ghandha ghat-terapija fuq medda ta' tmien xhur jew ghaxar xhur u li f'l-ahhar tat-terapija ghalkemm Caruana kienet ghada tilmenta b'l-ugih, kellha moviment normali f'subghajha tant li il-moviment kien l-istess bhal tas-seba ta' idejha ix-xellugija. Camilleri prezentat rapport dwar dak li hija kkonstatat[19].

Illi l-imuputat irrilaxxja stqarrija u anke xehed quddiem din il-Qorti. F'l-istqarrija[20] qasira l-imputat jghid li fil-gurnata in ezami huwa mar id-dar wara x-xoghol ghall-

---

[12] Dok BS1 a fol 59 et seq tal-process.
[13] Depozizzjoni a fol 64 et seq tal-process.
[14] Ghalkemm ma giex prezentat in atti jidher li dan ic-certifikat jikklassifika l-griehi sofferti mill-parte civile bhala ta' natura hafifa.
[15] Depozizzjoni a fol 95 et seq tal-process.
[16] Huwa ddepona fit-3 ta' Lulju 2017.
[17] Depozizzjoni a fol 90 et seq tal-process.
[18] Depozizzjoni a fol 78 et seq tal-process.
[19] Esebit bhala Dok VC1 a fol 84 et seq tal-process.
[20] Dok RA6 a fol 43 tal-process.

habta tas-siegha ta' fil-ghodu u malli wasal d-dar qam argument bejnu u martu minhabba party li martu xtaqghet taghmel f'eghluq snin uliedhom: martu riedet taghmel party fil-waqt li hu prefera li johorgu jieklu bhala familja minhabba l-ispejjez. Fil-kors ta' dan l-argument Chantelle ghajjret lil ommu u ghal dan id-diskors intilef; fi kliem l-imputat: "*intlift, jien offendejtha lura, u mbaghad kellna xi nghidu u erfajt idejha fuqha, tajtha daqtejn fuq idejha*". Waqt id-depozizzjoni tieghu[21] l-imputat spjega x'disgwid kien inqala' minhabba il-party tat-tfal u li fil-gurnata in ezami qabel ma fethu r-restarant huwa cempel lil Chantelle (kif kien jaghmel is-soltu) u kellimha fuq il-party pero hi qatlu biex jitkellmu id-dar. Meta telaq mix-xoghol cempel lil xi kollega tieghu u malli qata' minn mieghu cempel lill-mara ghaliex skond hu kellu ordni biex malli jitlaq mid-dar icemplilha. Jghid ukoll li minhabba l-ilmenti tal-mara li l-karkur tax-xoghol kien ihalli l-frak, malli jidhol fil-komun ta'l-appartamnti kien inehhi il-karkur u hekk ghamel dak in-nhar. Spjega ukoll li meta dahal f'l-appartament taghhom, sakkar u halla c-cwievet fil-bieb u l-mobile fuq il-mejda hdejn il-bieb. Mbaghad baqa' sejjer fil-box room u l-washroom fejn halla l-karkur u l-hwejjeg tax-xoghol; mar jittawwal lit-tfal u wara mar hdejn Chantelle, li kienet qed tara t-television u tilghab bil-mobile, biex jghidilha li wasal u hi qaltlu :"*taf x'hin sar*". L-imputat mar fil-kcina isahhan l-iekel fil-microwave u Chantelle marret fil-kcina ukoll biex tiehu xi haga x'tixrob mill-fridge. Dak il-hin bdew jitkellmu fuq il-party, kien hemm disgwid kbir u l-imputat spicca jghid lil martu li l-party mhux ser isir. Minn hemm il-konverzazzjoni iddegenerat u, waqt li l-imputat kien ghadu qed jiekol, Chantelle taghtu daqqa go wiccu u b'difrejha laqtitu f'ghajnejh; mad-daqqa l-imputat laqghat il-platt li waqa' ma'l-art. L-imputat qam mill-mejda biex imur fil-kamra tal-banju pero malli qam Chantelle saret aktar agressiva u rribellat fuqu. L-imputat imbuttaha u qallha thallih; malli kien ser jidhol fil-kamra tal-banju qala daqqa ta' siggu tal-plastic. Hu qabad dan is-siggu u tefghu lura f'postu pero ma laqatx lil Chantelle; qallha biex thallih kwiet u dahal fil-kamra tal-banju. Minn hemm semaghha tidhol fil-washroom u fil-boxroom, tielbes zarbun u tihrog il-barra. L-imputat ikompli jghid li huwa hareg mill-kamra tal-banju fetah il-bieb ta' barra u ghajjat lil Chantelle biex tmur lura id-dar pero hi baqghet sejra; l-imputat iddecieda li jibqa' d-dar mat-tfal. Stenna ftit hin u mar ifittex il-mobile bix icemplilha pero ma setghax isibhu; sab il-mobile ta' Chantelle. Permezz tal-landline cempel sitt darbiet in-numru tal-mobile tieghu izda hadd ma rrisponda. Mas-sitt telefonata waslet omm Chantelle; hu saqsiha fejn kienet Chantelle u qallu li kienet marret il-policlinic tal-Mosta. Peress li omm Chantelle ma qaltlux ghalfejn Chantelle kienet marret il-policlinic staqsiha biex toqqghod id-dar mat-tfal sa kemm imur il-policlinic biex jara x'kien gara. Spjega kif meta mar il-Mosta ma halliex javvicina lil Chantelle pero l-pulizija tawh il-mobile u c-cwievet tieghu li kienu qeghdin ghad Chantelle. Minn hemm mar l-ghassa tal-pulizija u eventwalment mar lura d-dar fejn kien ghad hemm omm Chantelle; ftit wara waslet Chantelle u ommha telqet. Raqdu f'l-istess sodda. Meta

[21] A fol 122 et seq tal-process.

Chantelle qaltlu li kient kisret xi ghadma f'subghajha hu qallha biex imorru ghand tabib privat imma hi ma riditx.

Illi xehedu ukoll l-genituri ta' l-imputat[22] li ghalkemm qalu hafna affarijiet, dwar l-incident mertu ta' dawn il-proceduri ma jafu xejn hlif dak li gie rrikkontat lilhom wara.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b'zewg imputazzjonijiet: 1) li kkawza griehi gravi fuq il-persuna ta' martu; u 2) li ingurja u hedded lil martu.

Illi mir-riassunt tal-provi jirrizulta ampjament li r-relazzjoni ta' bejn il-konjugi Caruana xejn ma kienet felici u dan sa minn zmien l-gherusija. Minn dak li semghet din il-Qorti kien hemm problemi kbar fir-relazzjoni ta' bejnithom liema problemi kienu qed iwasslu ghal hafna disgwid u argumenti. Jirrizulta ampjament ukoll li fil-gurnata in ezami, meta l-imputat wasal lura d-dar mix-xoghol, kien hemm argument verbali bejn il-konjugi Caruana u dan l-argument iddegenera f'wiehed fiziku; dawn il-fatti generali hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet, pero l-qbil jieqaf hemm ghaliex kull aspett iehor huwa kontestat. Aktar minn hekk hemm kunflitt kbir fid-dettal ta' x'wassal ghal, u kif zvolga, l-argument bejn il-konjugi Caruana fil-gurnata in ezami u li fuqu huma bazati l-imputazzjonijiet odjerni.

Illi l-unici zewg persuni li jistghu jaghtu xhieda ta' dak li gara f'l-incident huma l-parte civile u l-imputat; ghaliex minbarra z-zewg uliedhom ta' kwazi sentejn li kienu u baqghu reqdin tul l-incident kollu, ma kien hemm hadd iehor f'l-appartament. Il-genituri tal-parte civile jistghu jitfghu dell biss fuq dak li gara immedjatament wara l-incident; fil-waqt li l-genituri ta' l-imputat, di prima persona, ma jafu xejn dwar l-incident.

Illi kif intqal hemm kunflitt kbir bejn il-verzjoni mghotija mill-parte civile u dik mghotija mill-imputat. Dan il-kunflitt pero ma jfissirx li l-imputat necessarjament ghandu jigi liberat. Dwar dan il-punt pronunzjat ruhha diversi drabi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

> *Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' … u tiskarta dik tieghu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta f'l-Appell Kriminali: "Il-Pulizija*

[22] Paul Caruana a fol 160 et seq tal-process, u Maria Stella Caruana a fol 173 et seq tal-process.

*vs Graham Charles Ducker" [19.5.1997]: "It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*[23]

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tevalwa l-provi kollha migbura u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min ghandha temmen u f'xiex ghandha temmnu. F'dan ir-rigward ghandu jinghad ab inizio li mill-evalwazzjoni li ghamlet il-Qorti hija konvinta li hemm partijiet fiz-zewg verzjonijiet li ma jistghux jinghataw kredibilita. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li fil-waqt li l-parte civile pruvat tkabbar l-incident, l-imputat min-naha l-ohra pruva jxejjen dak li gara; it-tnejn li huma pruvaw jaghtu l-impressjoni li huma kienu biss spettaturi u vittmi ghall-agir agressiv ta'l-iehor minghajr ma ghamlu u qalu xejn biex jurtaw lill-iehor.

Illi minkejja li l-unici zewg xhieda ghal dak li gara huma l-istess konjugi Caruana, hemm provi ohra li jistghu jghinu lill-Qorti biex tevalwa l-verzjonijiet mghotija; dawn huma il-griehi li soffriet Chantelle Caruana.

Illi mic-certifkat medici jirrizuta li Chantelle Caruana kellha bdengiela fuq xoffietha, bdengiela mal-genb ta' ghajnejha il-leminija, u ksur f'ghadma ta' subghajha z-zghir ta' idejha il-leminija. Mir-ritratti jidher li hija kellha ukoll bdengila zghira f'idejha ix-xellugija u xi ftit hmura fuq spallitha (fuq in-naha tax-xellug). Dawn il-griehi la huma kompatibbli mal-verzjoni li tat Chantelle Caruana u lanqas mal-verzjoni li ta l-imputat.

Illi l-imputat jghid li kienet Chantelle li refghet idejha fuqu u rribellat fuqu u li da parti tieghu kull ma ghamel kien li mbuttaha minn quddiemu meta qam minn fuq il-mejda biex imur fil-kamra tal-banju. Huwa car li dan il-gest, semplici imbuttatura, ma kienx ser ihalli l-griehi li fil-fatt soffriet Chantelle. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat, ghalkemm b'verzjoni succinta hafna, kien ferm aktar kredibli f'l-istqarrija tieghu. Fiha jghid li meta Chantelle lissnet il-kliem "*qahba ommok*" fil-kors ta'l-argument verbali li kien qed jizvolgi bejnithom, hu intilef, ghajjarha lura u refa' idejh fuqha. Dan sa certu punt huwa korroborat minn Chantelle stess ghaliex mir-rakkont taghha jirrizulta li l-argument kien wiehed verbali u kien biss meta hija qalet il-kliem "*qahba ommok*" li l-imputat irreagixxa fizikament. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-imputat, kif del resto jammetti f'l-istqarrija tieghu, irreagixxa fizikament ghal dak il-kliem ta' martu pero din ir-reazzjoni ta' l-imputat ma setghetx kienet kif iddeskrivietha Chantelle.

Illi Chantelle Caruana tallega li meta l-imputat irvilla, qam minn fuq il-mejda, **hatafha u kaxkarha ma'l-art**; meta kienet ghada ma' l-art qabad jaghtiha **bis-**

[23] Ref Il-Pulizija vs Omissis Appell Kriminali Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

**sieq u bil-ponn kullimkien**. Eventwalment l-imputat rega' hataf lil Caruana, **tefaghha fuq is-sufan u rega' beda jaghtiha b'l-addocc, bil-ponn u bis-sieq**. Aktar tard hatafha mill-flokk u tefaghha barra fil-komun ta'l-appartamenti. Huwa car li kieku l-imputat verament kaxkaraha ma'l-art u taha bis-sieq u bil-ponn kullimkien, rega' kaxkarha u tefaghha fuq sufan u rega' beda jghtiha bil-ponn u bis-sieq, u mbaghad rega' hatafha u waddabha 'l barra il-griehi kienu jkun ferm aghar u kienu jkunu mifruxa ma' gisimha kollha. Hemm fattur iehor li jimmina l-kredibilita ta' Chantelle Caruana. Hi tghid ukoll li intefghu diversi oggetti: flixkun ta' l-ilma, xi ornamenti, u mejda zghira; tghid ukoll li meta dahal id-dar beda jaghmel storbu: jdoqq id-diski, u jghajjat tant li semghetu mill-gallerija ta' wara. Il-Qorti difficilment temmen li kieku kien hemm l-storbju li allegat Caruana flimkien ma' kolluttazzjoni kif iddiskrevitha hi, it-tfal kienu jibqghu reqdin.

Illi fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tallega li kwalunkwe reazzjoni li seta' kellu l-imputat kienet rizultat tal-provokazzjoni ta' martu meta tefghetlu s-siggu u l-imputat waddbu lura u laqatha f'subghajha. F'dan ir-rigward jibda biex jinghad li ghalkemm hekk gie argumentat waqt is-sottomissjonijiet, l-imputat f'l-ebda hin fid-depozizzjoni tieghu ma jghid li hu laqat lil martu bis-siggu; anzi hu jghid li meta tefa' s-siggu (li kienet tefghetlu martu) lura f'postu ma laqathiex. Hu jinsisti fid-depozizzjoni tieghu li l-unika haga li ghamel lil martu kien li imbuttaha meta qam mill-mejda biex ikun jista' jmur fil-kamra tal-banju. Dak li jallega l-imputat hu li fi stadju inizjali ta'l-argument martu taghtu daqqa fuq f'wiccu u laqtithu f'ghajnejh. Kif diga ntqal il-Qorti ma ssibx il-verzjoni ta' l-imputat mghotija viva voce quddiemha bhala wahda verosimili u hija konvinta li ghandha taghti kredibilita lil dak li qal l-imputat f'l-istqarrija tieghu u cioe li huwa rreagixxa fizikament wara li martu lissnet il-kliem "*qahba ommok*". Waqt is-sottomissjonijiet d-difiza tallega ukoll r-reazzjoni ta'l-imputat kienet ukoll rizultat tal-klima li kienet qed tirrenja bejn il-konjugi Caruana u l-atteggjament li kienet tiehu Chantelle fil-konfront tieghu.

Illi l-agir ta' Chantelle Caruana meta ghajjret lil omm l-imputat "qahba" ma jistax jitqies bhala provokazzjoni fit-termini tas-subparagrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 227 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta. Konsegwentement biex il-provokazzjoni li dan il-kliem seta' nissel f'l-imputat tkun tista' titqies bhala skuzanti, trid tissodisfa r-rekwizieti kollha tal-proviso tas-subparagrafu (c) tal-artikolu 227 tal-Kaptilou 9[24]. Fost dawn ir-rekwizieti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konswgenzi tad-delitt. Il-kriterju, ghalhekk huwa wiehed oggettiv: il-bniedem ta'

[24] Ghal kull buon fini ghandu jinghad li anke kieku l-Qorti kienet konvinta (haga li mhiex) li kienet il-parte civile li tat l-ewwel daqqa (cioe l-allegata daqqa fuq wicc l-imputat meta kien qed jiekol), fiz-zmein meta sehh l-incident dik l-azzjoni kienet tikkomporta piena ta' massimu ta' detenzjoni ta' xahrejn ai termini ta'l-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 jew possibilment piena ta' massimu ta' sitt xhur prigunerija ai termini ta'l-artikoli 221 u 222 tal-Kapitolu 9. Konsegwentement ghalkemm offiza kontra l-persuna ma kenitx taqa' taht definizzjoni ta'l-artikolu 227(a) tal-Kapitolu 9.

temperament ordinarju[25]. Dan il-principju fil-fatt jirrifletti l-insenjament tal-Professur Sir Anthony Mamo:

> *The test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self control, not whether it was sufficient to deprive of his self control the particular person charged ...*[26]

Illi dawn il-principji gew riaffermati mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fi-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Darren Micallef[27].

Illi hemm kriterju ukoll li huwa essenzjali biex tirnexxi d-difiza tal-provkazzjoni, u cioe li l-att provokotarju jrid ikun sar immedjatament ma' l-att inkriminanti. Dan il-kriterju huwa rikjest permezz ta'l-artikolu 235 tal-Kapitolu 9 li jipprovdi hekk:

> *Ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmijin f'l-artikoli 227 u 230, meta ma jkunx saru fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.*

Illi ghalhekk minkejja dak kollu li gara fil-passat bejn il-konjugi Caruana u l-problemi li kienu qed jiffaccjaw fil-hajja konugali, kif ukoll il-komportament ta' Chantelle fil-konfront ta' zewgha l-imputat, biex id-difiza tal-provokazzjoni tirnexxi l-Qorti tista' tiehu biss in konsiderazzjoni dak li gara fil-mument ta' l-incident li wassal biex l-imputat "*jitlifha*" u jerfa' idejh fuq martu u cioe l-kliem imlissen minn Chantelle: *qahba ommok.*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-kliem imlissen minn Chantelle Caruana kien mhux biss odjuz u intiz biex iwegga', imma kompletament barra minn loku. Pero l-Qorti hija altrettant konvinta, anke tenut kont li kien l-imputat stess li l-ewwel ghajjar lil martu "qahba", li l-kliem ta' martu ma kellhux iwasslu biex jintlef b'tali mod li ma jkunx jista' jirrifletti fuq il-konsegwenzi ta'l-agir tieghu; ir-reazzjoni tieghu ma kenitx ta' persuna ta' temperament ordinarju. Konsegwentement l-agir ta'l-imputat meta refa' idejh fuq martu ma jistax jitqies bhala skuzabbli u l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghal tali agir.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ghall-emfazi li ghamlet id-difiza fuq il-fatt li kieu inhargu zewg certifikati: wiehed li jikklasifika l-griehi li soffriet Caruana bhala hfif u l-iehor gravi, kif ukoll l-emfasi fid-dekors taz-zmien bejn l-incident u t-tieni certifikat. Id-difiza fil-fatt qed timplika li l-griehi li kkawza l-imputat setghu kienu biss ta' natura hafifa u li l-ksur ma kienx rizultat ta'l-agressjoni ta'l-imputat.

---

[25] Ref Il-Pulizija vs Emanuel Tabone, Appell Kriminali deciz 26.08.1998.
[26] Ref Note on Criminal Law pagna 241.
[27] Deciza 26.03.2015.

Illi f'l-ewwel lok l-Qorti tirrileva li ma tara xejn straordinarju jew anomalu fil-fatt li sa kemm saru t-testijiet kollha necessarji u sa kemm inhareg ic-certifikat finali ghaddew kwazi erbgha sieghat. Lanqas ma tara xejn stramb li inhargu zewg certifikati apparentement konfliggenti. Il-Qorti tghid apparentement konfliggenti ghaliex fil-verita mhumiex konfliggenti. Mid-depozizzjoni ta' Dr Mercieca jirrizulta ampjament li meta inhareg l-ewwel certifikat kienu ghadhom ma sarux l-xrays, ghalhekk it-tabiba li harget l-ewwel certifikat ma setghetx tkun taf b'certezza li kien hemm il-ksur f'l-ghadma tas-seba iz-zghir; u minghajr il-konferma ta'l-xrays ma setghetx tikklassifikaa l-offiza bhala gravi. Kien biss wara li lahqu saru l-Xrays li seta' inhareg certifikat definittiv u huwa dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti ghaliex huwa dan it-tieni certifikat li jaghti stampa shiha u kompleta tal-griehi li soffriet Caruana.

Illi fi kwalunkwe kaz il-Qorti ser tiehu ic-certifikat in konsiderazzjoni ai fini biss tad-deskrizzjoni tal-griehi u mhux ai fini tal-klassifikazzjoni tal-griehi. Dan ghaliex il-Qorti mhiex marbuta bil-klassifikazzjoni tal-griehi li jaghmlu t-tobba. Il-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni legali ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li:

> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[28]

Illi ghalhekk indipendentement minn kif jikklasifikaw il-griehi t-tobba, hija il-Qorti li, ai fini tal-proceduri odjerni, trid tiddetermina n-natura tal-griehi u cioe hekk kienux hfif, gravi jew gravissimi fit-termini ta'l-artikoli 221, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga ntqal mil-atti processwali jirrizulta li Chantelle Caruana soffriet tbengil u ksur f'l-ghadma ta' subghajha z-zghir. Mill-provi jirrizulta ukoll li dan il-ksur dam almenu sas-7 ta' Lulju 2016 biex fieq ghaliex il-gibs tnehha dak in-nhar u minn hemm bdiet occupational therapy. Huwa zgur ukoll sa sena wara l-incident

---

[28] Ref Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi Appell Kriminali deciz 30.07.2004.

l-ksur ghaqad kompletament b'mod normali u r-recovery kienet kompleta[29]. Konsegwentement l-offiza li soffriet Caruana taqa' f'definizzjoni ta'l-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9, cioe offiza li "*iġġib marda ... tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed*" u ghandha tigi klassifikata bhala wahda gravi.

Illi in vista tas-suespost l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata kif dedotta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat kontravvenzjonali predispost f'l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mis-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tal-parte civile ma jirrultax fuq xiex qed tigi bazata din it-tieni imputazzjoni. Fid-depozizzjoni taghha l-parte civile tallega li fil-kors ta'l-inident li kien hemm bejnithom l-imputat l-ewwel ghajjarha "qahba" u eventwalment (meta mar fil-kamra tas-sodda) qallha li jekk tidhol hemm ihanxrilha ghonqha.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni hija pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Zgur li l-ewwel fattur huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; bla dubbju huma reati gravi. Min-naha l-ohra l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalkemm r-reazzjoni fizika tieghu ma kenitx skuzabbli fit-termini ta'l-artikolu 227 fuq imsemmi, il-parte civile kellha s-sehem taghha ukoll fid-disgwid li nqala' dak in-nhar u f'l-eskalazzjoni ta'l-incident. Hadet in konsidrazzjoni ukoll il-fatt li fil-21 ta' Mejju 2016) ai termini ta'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena stabbilita ghall-ewwel reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat[30] kienet dik ta' tlett xhur sa' tlett snin prigunerija li mizjuda bi grad ai termini ta'l-artikolu 222(1) ta-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta toghla ghal prigunerija ta' sitt xhur sa' erbgha snin.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(d), 222(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal

[29] Dan jirrizulta kemm mid-depozizzjoni tal-Professur Jason Zammit kif ukoll mid-depoziozzjoni ta' l-occupational therapist Vicky Camilleri li kkonfermat li wara ftit xhur terapija Caruana kellha l-istess moviment f'subghajha iz-zghir ta' l-id il-leminija bhal dak ta' l-id ix-xellugija.

[30] Ai termini ta'l-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ghandha taghti piena biss ghal dan ir-reat.

perjodu ta' tmintax il-xahar. In oltre qed tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni dedotta fic-citazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parte civile Chantelle Caruana u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika qed torbot lill-imputat b'obilgazzjoni tieghu innifsu ghall-perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn Euro (€2,000) u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta din is-sentenzau x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**